Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 13**
**Il-Hamis 28 ta'Mejju 2020**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' online minhabba is-sitwazzjoni Covid 19 fil-5:30pm .

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai : Sindku
Romina Galea : Viċi Sindku
Jean Claude Borg : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Charles Selvaggi : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier
Judy Sciberras : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

13.1.01 Il-Kunsilliera kienu kollha preżenti online.

**13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

13.2.01 Il-Minuti ta'Seduta L8-12 ittieħdu bħala moqrija
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

13.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera online li tlesta x-xogħol fuq id-dog park żgħir biex il-klieb ikunu jistgħu joqgħodu bla ċinga go Misraħ San Guzepp.
Is-Sur Maurice Agius qal li jgħaddi ta'spiss minn hemm u jidher li dan qed jintuża u ntlaqa tajjeb.

13.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera online li hemm bżonn jissemmew żewġt toroq waħda K/M ma' Triq il-Ħarrub u daħla K/M ma' Triq il-Knisja fejn talbet biex jibgħatu is-suġġerimenti tagħhom ħalli jiġu preżentati għal kunsiderazzjoni tal-Kumitat għat-Tismija ta'Toroq.

**13.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

13.4.01 B'referenza għall-minuti 12.4.02 dwar talba għal- bankina quddiem il-bieb fil- ġenb tal-Guest House go Triq Robert Naudi is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm żviluppi.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sal-ġurnata ma kienx hemm żviluppi u ma sar l-ebda kuntatt mad-direzzjoni tal-Guest House

13.4.02 B'referenza għall-minuti 12.4.11 dwar it-talba tal-kunsill biex is-servizzi Tuk Tuk jiġu estiżi wkoll għal-klinika f' tal-Pietà is-Sur Maurice Agius staqsa jekk dan hux qed jaħdem.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li dan huwa servizz offrut mid-Dipartiment tal-Anzjani li sal-ġurnata għadu mhux qed jaħdem minħabba ċirkostanza Covid 19. Hawn kompliet tispjega li għal l-stess raġuni għadu ma sarx kuntatt mad- Dipartiment dwar it-talba.

13.4.03 B'referenza għall-minuti 12.4.14 is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm żvilupp dwar ħsarat fuq it-tabelli tal-Merħba go Triq Rue D'Argen.
Is-Sur Jean Claude Borg staqsa jekk din hux se tkun qegħda bil-Merħba u Saħħa kif diskuss f'laqgħat preċedenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kif kien spjegat fis-seduta preċedenti il-kuntrattur ma jistax jaqbad u jagħmel dawn mingħajr ma' jikkonsulta mal-Bank li qed jiffinanzja dawn it-tabelli. Hawn kompla jispjega li sal-ġurnata għadu ma'kienx hemm risposta fuq dawn.

13.4.04 B'referenza għall-minuti 12.4.15 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera online li sal-ġurnata ma kienx hemm risposta, proposti jew approvazzjoni mill- Ministeru għal- Byelaw Xorb alkoħoliku skont artiklu 35.2
Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa kemm idum il-proċess u jekk il-kunsill jistax jieħu inqas żmien biex ifassal il-proposti tiegħu.

Is-Segretarju wieġeb li skont il-leġislatura dan jindika perjodu ta'sitt ġimghat iżda fil-fatt il-proċess legali minn naha tad-dipartiment u s- segretarjat qed jieħu ferm aktar minn hekk. Hawn kompla jispjega li filwaqt li l-kunsill fassal il-proposti tiegħu wara li saret diskussjoni u qbil unanimu fil-kunsill. Saret wkoll konsultazzjoni mal-avukati,pulizija u leġislatura dwar permessi li jista' joħroġ il-kunsill u entitajiet oħra. Dan il-proċess ħa ftit ta'żmien biex ikun kunsidrat kif il-Byelaw tista' tkun mfassla biex tkopri dak li jixtieq il-kunsill mingħajr ma jkun hemm konflitt ma' leġislatura oħra.
Is-Sur Charles Selvaġġi ġibed l-attenzjoni dwar il-problema ta' nies barranin li qed ikunu barra fi gruppi jixorbu. Hawn spjega kif pulizija waqfu ħdejn dawn in-nies u ordnaw biex ma joqgħodux hemm u mbagħad telqu mingħajr ma ħadu passi jew għamlu mqar ċitazzjoni waħda. Għalhekk ma jistax jifhem kif jista' jkun hemm soluzzjoni għal din il-problema anke meta il-quddiem jkun hemm il Byelaw għax dawn qed jagħmlu kif irridu meta draw u jafu li l-pulizija ma tieħux passi.

Is-Sindku wieġbet li tifhem din is-sitwazzjoni għalhekk hemm bżonn niltaqgħu u niġbdu l-attenzjoni tal-pulizija fuq dawn il-fatti.

13.4.05 B'referenza għall-minuti 12.4.16 is-Sur Maurice Agius staqsa dwar l-aċċess għal-kameras tal-installati fuq l-iskall mill- għaqda tad-dgħajjes.
Is-Sindku wieġbet li provat tidhol skont l-istruzzjonijiet u d- dettalji mgħoddija mill-għaqda iżda ma' setgħetx.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li lanqas huwa ma setax jikseb aċċess filwaqt li l-abbużi ta'rimi ta'skart mid-dgħajjes tas-sajd jista' jkun kontrollat biss jekk ikun hemm l-emendi għal- Bye Law fuq l-użu tal-Iskal. Għalhekk kif dejjem jippermettu ċirkostanzi Covid 19, dawk ir-rappreżentanti tal-kunsill għandhom jibdew jaħsbu biex flimkien mal-avukat jagħmlu l-konsultazzjoni meħtieġa mal-għaqda tad-dgħajjes u dawk kollha konċernati.

13.4.06 B'referenza għall-minuti 12.4.17 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera online li beda ix-xogħol biex jiġi nstallat sistema għal-fire alarm fil-binja tal-kunsill.

13.4.07 B'referenza għall-minuti 12.4.18 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera online li beda u tlesta ix-xogħol għal installar ta' fanali ġodda ħdejn il-Junior College go Misraħ G.Debono.

13.4.08 B'referenza għall-minuti 12.4.19 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera online bi stima ta'603.31euro għal- installazzjoni temporanja tal-flood lights u dawl mgħoddi minn barra go Misraħ San Guzepp.

13.4.09 B'referenza għall-minuti 12.4.21 is-Sur Maurice Agius ilmenta dwar il-parkeġġ abbużat minn kumpanija kummerċjali go Misraħ 5 ta'Ottubru.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kif jafu l-kunsilliera saru bosta rapporti mal-awtoritajiet fuq dawn l-abbużi mal-Imsida kollha. Hawn kompla jispjega li huma biss dawn l-awtoritajiet li jistgħu jieħdu azzjoni iżda kif jinsab mgħarraf dawn it-tip ta-abbużi mhux faċli tieħu passi fuqhom għal bosta raġunijiet ta'interpretazzjoni legali.

13.4.10 B'referenza għall-minuti 12.4.31 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill Kunsilliera online li kif maqbul fis-seduta preċedenti l-ispezzjonijiet li jagħmel il- Contracts Manager qed ikunu mgħoddija b'mod regolari fuq il- grupp Whatsup tal-kunsilliera.

13.4.11 B'referenza għall-minuti 12.4.32 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill Kunsilliera online li l-kunsill bagħat email lil I.M dwar il-problema li hemm għall-aċċess tal-garaxxijiet ġol parti li ngħalqet go Triq Achille Ferris u biex jikkunsidraw jagħmlu aċċess żgħir għas-sidien biss. L-I.M wieġbet li din ingħalqet minħabba il-periklu filwaqt li staqsew dwar min se jieħu ir-responsabiltà jekk jingħata aċċess. Din ir-risposta ġiet mgħoddija mal-ewwel lil kunsilliera.

Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm aktar żviluppi u x qed tagħmel l-I.M biex tkun rranġata it-triq għax ma hux sew li s-sidien tal-garaxxijiet li ħafna minnhom lanqas biss joqgħodu fil-blokka qed ibatu il-konsegwenzi .
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li qabel ma ssir it-triq l-ewwel trid tkun ġiet irranġata il-problema li ġejja minn ħsara go struttura ta'taħt it-triq li hija propjetà privata u kollox jiddependi minn dawk is-sidien involuti.
Is-Sur Charles Selvaġġi qal li huwa importanti li inżommu lir-residenti infurmati b'kull żvilupp u staqsa jekk hux possibbli li TM tikkunsidra u tawtorizza residential parking goz-zona ta' Triq Achille Ferris minħabba din iċ-ċirkostanza.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li bosta drabi dan il-parkeġġ kien jintuża matul il-ġurnata minn tal-uffiċini u negozju ieħor fiz-zona. Hawn kompliet tispjega li għalkemm vera naqas numru ta'parkeġġ jidher li hemm wkoll bosta garaxxijiet li mhux ta'residenti u hemm oħrajn li ma jintużawx bħala garaxx. Kif spjegat bosta drabi fuq dan is-suġġett ma taħsibx li T.M se taċċetta. Barra minn hekk il-problema ta'parkeġġ kienet ġa hemm qabel u din tista' toħloq komplikazzjoni akbar fosthom sa fejn jaslu it-toroq taz-zona, minn x'ħin dan jibda jgħodd u kemm hemm residenti li se jippretendu li jistgħu jagħmlu użu minn dan il-parkeġġ. Ziedet li s-sidien iridu jghatu l-garanzija biex tinfetah u mhux I.M, barra minn hekk il-Kunsill kien diga bghat ittra li se jitnehha l-parkegg minhabba l-periklu.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ta'kulljum xi ħadd iċempel biex jilmenta jew jistaqsi fuq dan is-suġġett fejn l-amministrazzjoni tipprova tispjega ir-responsabiltà pubblika tal-kunsill u twassal informazzjoni li tkun għand il-kunsill b'mod uffiċjali. Jidher wkoll milli jista' jinnota fuq dak li intqal miegħu li għadu mhux ċar jew ċert min-naħa privata jekk hemmx assoċjazzjoni ta'residenti tal-binja jew amministratur. Skont il-leġislatura suppost din tinkludi s-sidien kollha tal-appartamenti, tal- garaxxijiet u l- imsejjħa struttura. Hawn kompla jispjega li matul din il -ġurnata persuna li ċempel biex jilmenta spjega li huwa sid ta' numru ta'garaxxijiet fil-fond mikrija għand ħaddieħor li qed jitlef il kirjiet, b'mod verbali qal wkoll li għamel kuntatt mas-sidien tal-imsemmija struttura fejn dawn għarfuh li se jagħmlu garanzija. Iżda sakemm dawn mhux se jiktbu lil I.M u dawn jaċċettaw u żewġt naħat jagħrfu lil kulħadd bil-miktub ma jistax jgħid li din hija informazzjoni uffiċjali.

13.4.12 Is-Sinjura Jude Sciberras qalet li l-struttura quddiem il-gate tal-iskola daħlet il-ġewwa għalhekk staqsiet jekk jistgħux issiru il-parking spaces.
Is-Sur Maurice Agius staqsa għala d-disable parking li kien hemm quddiem il-gate ma saritx post ieħor.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li din id-disabled parking  kienet saret minħabba l-iskola iżda qatt ma kien hemm awtorizzazzjoni minn TM għaliha.
Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk nistgħux napplikaw għal waħda għax hemm minn għandu blu badge fiz-zona.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota filwaqt li wieġeb fuq il parkeġġ msemmi fejn qal li l-ewwel se jiċċekkja mal-kuntratturi li qed jaħdmu fuq il-proġett biex jiġi evitat kull riskju ta'danni u ħsarat minħabba li hemm huwa aċċess għal-inġenji ta'kostruzzjoni.

13.4.13 B'referenza għal- minuti 12.4.34  is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera online li sal-ġurnata ma kienx hemm żviluppi biex jibda il-proċess tal-applikazzjoni għal-permessi tal-P.A għal- pedestall .Filwaqt li kellu laqgħat biex jinġabru stimi mingħajr VAT għal-xogħolijiet differenti maqsuma kif hawn speċifikat. Iavur skont id-disinn tal-pedestall 3000 euro ,Dawk l-affarijiet oħra li hemm bżonn biex jitqiegħed f'postu 2000 euro ,Kostruzzjoni tal-bażi tiegħu 1800 euro. Ma dawn ġie diskuss wkoll il-materjal li jista' jintuża u ntalbu samples mingħand min jista' jissupplixxu materjal addattat li hu stmat għal- 1800 euro .

13.4.14 B'referenza għall-minuti 12.5.03   is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera online li sar kuntatt mas- S.E Ta'Xbiex li applikaw biex jagħmlu bin solari  li jistgħu anke jintużaw bħala avviżi jew riklami elettroniċi.
Is-Sur Alfred Farrugia qal li kif gie  spjegat mis-Segretarju Eżekuttiv ta'Xbiex  dawn il-bins huma stmati li jiswew mal-10,000 euro il-wieħed. Wara li sar kuntatt mal-aġent għal dawn it-tip ta'bins jidher li dan huwa il-prezz mitlub li fl-opinjoni tiegħu huwa għoli għal ammont ta'60,000 euro fondi bejn il-kunsilli lokali kollha u  l-prezz ma jiġġustifikax l-iskop .

Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

13.4.15  is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera online li l-grupp ta' ħaddiema barranin li qed jagħmlu xogħol ta'tindif għall-kunsill qed jiġu msejjħa lura biex jibdew mal-kumpaniji tagħhom.

13.4.16 B'referenza għall-minuti 12.5.02  is-Sur Charles Selvaġġi staqsa jekk hux il-każ li jkun hemm sforz biex il-proġett tal-promenade go Triq Xatt Ta'Xbiex u dak tax-xogħol fuq is-sistema tad-drenaġġ go l-stess triq ikun koordinata biex jiġu evitati dewmien, inkonvenjent u ħsarat.

Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li huwa nfurmat li x-xogħol ta'drenaġġ mhux se jkun fuq in-naħa tal-promenade. Dan jiddependi wkoll minn meta se jingħataw il-kuntratti li huma ta' entitajiet u kuntratturi differenti. Iżda il-kunsill jista' jara jekk hux possibbli li dawn ikunu koordinata sakemm ma jkunx hemm xi dewmien esaġerat biex dawn ikun possibbli minħabba l-stadju ta'fejn ikun wasal il-proċess tal-kuntratti.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai fakkret li waqt is-seduta preċedenti kienet infurmat lill kunsill li t-tender ta'drenaġġ huwa ġa mgħoti lil kuntrattur barrani filwaqt li l-proġett tal-promenade għadu fil-proċess ta'approvazzjoni mill-PA.

13.4.17 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar katusi tal-bejt ma' binja go Triq Makna tas-Serrar li qed tarmi gelgul ta' ilma tax-xita dirett fuq il-bankina u staqsa jekk dawn hux suppost ikunu għaddejjin minn taħt il-bankina biex l-ilma joħroġ għal fuq it-triq.

Is-Sur Emanuel Brincat ħa nota biex jmur jara x'jista' ssir filwaqt li wieġeb li qatt ma tressaq dan l-ilment fuq il-binja li għanda snin kbar u li ma kienx hemm l-ebda xogħol ta' żvilupp fiha.

13.4.18 B'Referenza għal minuti 13.7.01 Is-sur Maurice Agius staqsa fuq ix-xogħol tal- bankini fi Triq it-Tabib Robert Naudi.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li wara li reġa' verifika l-invoice ta' Triq it-Tabib Robert Naudi qed jikkonferma l-ammont mitlub ta'117.83 euro mhux relatat mat- tip ta'xogħol li sar biex jitranġa dak ix-xogħol li sar ħażin. Iżda l-ammont mitlub huwa relatat ma biċċa xogħol extra li kien ġie mitlub biex ssir mill-kunsill. Hawn spjega li wara li l-kuntrattur kien rranġa din il-parti tal-bankina kif talab il-kunsill , sid il-garaxx ġie jilmenta li qed ssib diffikultà biex jidħol bil-karozza ġewwa. Is-Segretarju Eżekuttiv mar fuq il-post biex jifhem u ra li vera hemm l-problema li tista' tiġi rranġata jekk ssir xogħol żgħir fuq il-kurduna. Għalhekk talab lill kuntrattur biex jiġi u jagħmel dan ix-xogħol fuq il-kurduna li solviet din il-problema.

**13.5 Items oħra ta' Xogħol, ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

13.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai preżentat Ċir: AKL 2020/039 Ref: Binjiet Mixgħula Ħomor u spjegat l-inizjattiva biex tippromwovi il-kampanja tad-donaturi tad-demm u pproponiet li l-kunsill jippartecipa u jixgħel il-faċċata tal-kunsill.

Is-Sur Maurice Agius is-sekonda il-proposta u il-kunsill qabel unanimament.

13.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai preżentat l-approvazzjoni tal-Planning Authority għal-applikazzjoni b'referenza PA / 08490/19 li hija relatata mal-bini ta'żewġt sulari oħra fil-binja tal-kunsill.
Is-Sur Maurice Agius staqsa din hiex il-pjanta bil-bini irtirat jew bil-binja dritta kif hi.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li din hija il pjanta preżentata bil-bini mhux irtirat il-ġewwa biex jinkiseb aktar spazju għal użu tal-kunsill .
Is-Sur Charles Selvaġġi qal li għalkemm qabel kien għadu mhux deċiż bejn l-argument ta' l-spazju ma' raġunijiet ta'estetika. Llum fiċ-ċirkostanzi li se jkun hemm flyover quddiem il-kunsill u l-argument tal-estetika ma'għadux ireġi.
Is-Segretarju Eżekuttiv talab u ġie konċess biex jesprimi l-opinjoni tiegħu mill-punt amministrattiv tal-kunsill u spjega li matul is-snin il-funzjonijiet u s-servizzi tal-kunsill żdiedu għalhekk dan il-kunsill rrid jibda jippjana il'quddiem kif se jipprovdi aktar faċilitajiet u servizzi lir-Residenti. Dan ma jeskludix il-possibilità li kif qed tikber il-popolazzjoni se jikber wkoll il-kunsill u n-numru tal-membri tal-amministrazzjoni li fil-mument l-ispazju provdut huwa diġa żgħir. Hawn kompla jispjega li wasal iż-żmien wkoll biex il-kunsill jaħseb u ikun f'pożizzjoni li joffri faċilitajiet smart permezz ta' spazju neċessarju li jista' jiġi faċilment addattat u jintuża biex jwassal aktar servizzi differenti minn bosta entitajiet oħra. B'hekk il-binja tal-kunsill sservi ta'hub għal servizzi differenti li tagħmilha aktar sempliċi għar-residenti biex jinqdew.

Is-Sur Maurice Agius qal li jaqbel mal-opinjoni tas-Segretarju Eżekuttiv filwaqt li-Sindku pproponiet biex dan is-suġġett ikun inkluż fl-Aġenda għas-seduta tal-kunsill li jmiss.

Il-kunsill qabel unanimament.

13.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai preżentat rapport fuq Inċident Ref: Nps 6/M950/2020 u talba għal danni ta' 50 euro li saru fuq tyre ta' vettura li seħħ minħabba pothole go Triq il-Kunċizzjoni fejn il-Ġibjun.
Is-Segretarju Eżekuttiv ivverifika t-talba u għarraf lillkunsilliera online li dawn il potholes kienu hemm u setgħu ikkaġunaw id-danni msemmija. Fl-istess ħin sar wkoll il-patching neċessarju.
Il-kunsilliera ddiskutew u approvaw it-talba għad-danni unanimament.

13.5.04 Is-Sur Maurice Agius tkellem fuq sidien ta'dgħajjes li qed jidħlu bil-vetturi sa fejn id-dgħajsa go Misraħ San Guzepp qabel il Pietà. Hawn kompla jispjega li dawn jipparkjaw hemm u joħorġu bid-dgħajsa meta dan huwa ġnien pubbliku u mhux suppost jidħlu karozzi. Għalhekk staqsa jekk il-kunsill jistax jagħmel bollards biex jagħlaq l-aċċess għal vetturi.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u se jara x'jista' ssir biex jingħalaq l-aċċess u jieqaf dan l-abbuż.

13.5.05 Is-Sur Maurice Agius xtaq jirringrazzja lill Kunsill għal assistenza li sab biex ikun jista' jitmexxa disable parking li kien qiegħed quddiem sit ta' kostruzzjoni go Triq Xatt l-Imsida .

13.5.06 Is-Sur Alfred Farrugia għarraf lill kunsilliera li wara li konsulta mas-Sindku tkellem mal-ġardinar dwar il-possibilità li ssir xi sardinell go xi zoni ċentrali mad-dawra tal-Imsida.

Il-kunsilliera qablu unanimament.

13.5.07 Is-Sinjura Judy Sciberras tkellmet dwar plakka mmkissra fil-monument taż-żagħżagħ.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

13.5.08 Is-Sinjura Judy Sciberras tkellmet dwar l-inkonvenjent kawżat minn trabijiet li ġej minn xogħol li għaddej fil-proġett tal-iskola.

Is-Sur Charles Selvaġġi qal li filwaqt li jaf kif is-Segretarju Eżekuttiv qed jieħu l-azzjoni immedjata , dan ma jistax ikun li joqgħod jagħmel intervent kull darba għalhekk hemm bżonn li nitkellmu mal-Project Maniġer biex ikun hemm konsistenza fil-miżuri meħtieġa biex dan l-inkonvenjent jitnaqqas.

13.5.09 Is-Sinjura Judy Sciberras tkellmet dwar imwejjed barra minn ħanut go Triq Rue D'Argen.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan ġa huwa rappurtat lil pulizija.

13.5.10 Is-Sur Charles Selvaġġi tkellem dwar xi ħadd li qed jarmi il-madum go Box Box Lane.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

13.5.11 Is-Sur Charles Selvaġġi tkellem dwar l-istat ta'Triq tal-Qroqq u spjega li għalkemm jaf li r-rikostruzzjoni tat-triq u l-bankina hija responsabiltà ta'I.M staqsa jekk il-kunsill jistax jagħmel intervent biex issir xi tiswija temporanja.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

13.5.12 Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa jekk nistgħux nitolbu lill ID Malta tkellem lil kuntrattur biex inaddaf

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

13.5.13 Is-Sur Charles Selvaġġi tkellem dwar il-pedestrian crossing ta'Triq il-wied li hija bla dawl.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota filwaqt li ssuġġerixxa biex items bħal dawn jgħaddu mal-ewwel għandu jew l-amministrazzjoni. Jekk ikun hemm bżonn bħas-soltu jiftiehem u jmur fuq il-post ma' dak il-kunsillier ħalli jifhem aħjar il-problema.

13.5.14 B'referenza għal- minuti 12.4.34 is-Sur Jean Claude Borg tkellem fuq l-istatwa fejn mar mas-Sur Maurice Agius flimkien mas-Sur Victor Tedesco u ddiskuttew xi dettalji żgħar fuq l-statwa. Filwaqt li tkellem wkoll fuq id-dewmien ta' disinn tal-pedestall li se jieħu ħsieb biex l-affarijiet jimxu.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera li hija marret wkoll tara ix-xogħol li qed ssir fuq l-istatwa u dan għoġobha.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għandu is-sample tal-materjal tal pedestall go l-uffiċju għal min jixtieq jarah u għarraf lil kunsilliera online dwar affarijiet oħra relatati mal-proġett.

13.5.15 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar Planning Authority application b'referenza PC 00009/20 relatata ma applikazzjoni għal żvilupp ta' propjetà PA 1349/17 go Triq San Alwiġi fejn qed jintalab biex jittieħed l-aċċess ta' sqaq biex ikun jista' ssir aċċess residenzjali privat wara li l-stess iżviluppatur kien ġa għalaq l-aċċess għal dan l-żvilupp minn sqaq ieħor u ppropopona biex il-kunsill joġġezzjona u jqabbad il-periti tal-kunsill biex jaħdmu fuq il-każ.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet l-innotat fil-pjanta hemm żball u mhux qed jidhru l-ismijiet tal-isqaqien kif suppost.

Il-kunsilliera iddiskutew u qablu unanimament li ssir l-oġġezzjoni kif propost.

13.5.16 Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta stimi għal mudelli differenti ta'Bike racks biex jiġu armati go diversi zoni fl-Imsida kif deskritt fil programm ta'ħidma approvat fl-estimi finazjarji 2020.L-stimi jvarjaw skont id-disinn ,materjal , daqs u numru ta'roti li jistgħu jorbtu maghhom. Dawn jibdew bejn 290 euro sa 626 euro mingħajr VAT.
Il-kunsilliera ddiskutew u qablu unanimament biex dawn jibdew jiġu armati go zoni fejn il-kunsill jiddeċiedi li jista' jkun hemm bżonn.

**13.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

13.6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv bagħat koppji tar-rapport Finanzjarju 2019 wara l-awditjar. li jittieħdu bħal moqrija .

L-Accountant is-Sinjura Romina Perici Ferrante għamlet spjegazzjoni online tar-rapport fejn kien hemm xi suġġerimenti għal korrezzjonijiet żgħar mill-awdituri iżda li ma jaffettwax il-pożizzjoni tal-kunsill u wieġbet għal mistoqsija tas-Sur Charles Selvaġġi dwar is-surplus tas-sena preċedenti kif ġie effetwat għal dik is-sena biss minħabba li kien qed jinbidel il-mod ta'kif l-assi tal-kunsill ikunu kalkulati.

Il-kunsilliera ddiskutew u approvaw unanimament.

Is-Segretarju Eżekuttiv bagħat koppji tar-rapport Finanzjarju 2019 wara l-awditjar. li jittieħdu bħal moqrija .

13.6.02 Is-Segretarju Eżekuttiv bagħat koppji li jittieħdu bħal moqrija, tal-Local Council Performance Indicators Oct 18 /Jun 19 u spjega ir-risposti tal-kunsill.
Il-kunsilliera ddiskutew u approvaw unanimament.

13.6.03 Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta ir-rapport mill- Kumitat Offerti għas-sejħa KLMsd 3 2019 fejn spjega fid-dettal il-proċess tal-evalwazzjoni u għala l-kumitat qed jagħmel ir-rakkomandazzjoni tiegħu biex dawn l-offerti ma jkunux aċċettati għax ma kienux konformi ma' dak mitlub fis-sejħa.
Il-kunsill iddiskuta u qabel unanimament li jaċetta ir-rakkomandazzjonijiet tal-kumitat.

**13.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

13.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-13 ta' ħlasijiet bejn 28 April 2020 sa 27 ta' Mejju 2020 għall-approvazzjoni tal-Membri.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw unanimament

**13.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

13.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:25 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun il-Ħamis 25 ta'Ġunju 2020 fil-5:30 p.m

Minuti konfermati, illum il-Ġimghat 26 ta' Ġunju 2020

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |